MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 619/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Salvatore Sammatrice**
**Giuseppe Volpe**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra Salvatore Sammatrice detentur tal-karta tal-identita` Taljana bi numru AS 4703713 u Giuseppe Volpe detentur tal-karta tal-identita` Taljana bi numru AM 4644608/0059864A;

Akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer fil-05 ta’ Mejju 2011 ghall-habta ta’ bejn is-siegha ta’ filghodu (01.00hrs) u l-erbgħa ta’ filghodu (04.00hrs);

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja krimerika, ghamlu qligh bi hsara ghal Grazia Camilleri mill-Mosta u/jew persuni ohra, meta l-ammont tal-hsara kien aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37).

2. Iffalsifikaw il-firma ta’ Grazia Camilleri mill-Mosta.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja u l-ezamijiet tal-imputati fejn irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom, u l-konferma ta’ tali ammssjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-verbal tas-26 ta’ Settembru, 2011.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 189, 308 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputati Salvatore Sammatrice u Giuseppe Volpe hatja tal-akkuzi kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment fi kliem semplici spjegat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------